Ġabra tal-ġurisprudenza

OPINJONI TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentata fil-11 ta' Ġunju 2013 [1 1]

**Kawża C-579/12 RX-IIIl-Kummissjoni Ewropeavs**

**Guido Strack**

"Eżami mill-ġdid — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Leave — Trasferiment ta' ġranet ta' leave annwali mhux meħuda minħabba raġuni ta' mard — Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal — Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal — Direttiva 2003/88/KE — Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Ksur tal-unità u tal-koerenza tad-dritt tal-Unjoni"

## I – Introduzzjoni

1. Ir-rekwiżiti minimi tad-dritt soċjali rikonoxxuti fuq livell tal-Unjoni Ewropea huma applikabbli għall-uffiċjali tal-istituzzjonijiet Ewropej bl-istess mod li huma applikabbli għall-ħaddiema tad-dritt komuni? Din hija, essenzjalment, id-domanda ġuridika li l-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tirrispondi fil-kuntest ta' din il-proċedura ta' eżami mill-ġdid.

2. Din id-domanda tikkonċerna d-dritt għal perijodu annwali ta' leave imħallas. L-imsemmi dritt, li l-ewwel ġie implementat bid-Direttiva 93/104/KE [2] u wara bid-Direttiva 2003/88/KE [3], jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt soċjali tal-Unjoni u llum huwa stabbilit fl-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") [4].

3. F'dan il-każ, il-Kummissjoni Ewropea rrifjutat lil G. Strack, ex-uffiċjal ta' din l-istituzzjoni, it-trasferiment għas-sena 2005 ta' 38.5 ġurnata ta' leave annwali mhux meħuda fl-2004 minħabba raġuni ta' mard fit-tul tal-persuna kkonċernata. Insostenn tad-deċiżjoni inkwistjoni, adottata fil-15 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq dispożizzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea [5] li tipprovdi li t-trasferiment tal-leave għas-sena suċċessiva ma jistax jeċċedi tnax-il jum fil-każ fejn ir-raġunijiet li għalihom il-leave annwali ma setax jintuża ma jkunux jikkonċernaw il-ħtiġijiet tas-servizz (l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti). Filwaqt li fil-frattemp, G. Strack ingħata pensjoni ta' invalidità, għandu issa jiġi deċiż jekk il-bilanċ tal-ġranet tal-leave tiegħu tas-sena 2004 li jeċċedi t-tnax-il ġurnata awtomatikament ittrasferit għas-sena 2005, għandux jiġi llikwidat fi flus (it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti).

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Direttiva tal-Kunsill, tat-23 ta' Novembru 1993, dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 197).

3 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol 4, p. 381).

4 — Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, Heimann u Toltschin (C-229/11 u C-230/11, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

5 — Bl-istess mod iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal" jew ir-"Regolamenti".

4. Fid-dawl tar-rifjut tal-Kummissjoni, G. Strack ressaq kawża quddiem il-qrati tal-Unjoni u kellu suċċess fl-ewwel istanza, quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem it-"Tribunal għas-Servizz Pubbliku")[6]. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra li t-trasferiment ta' ġranet tal-leave annwali li ma ntużawx minħabba raġuni ta' mard kellhom jingħataw lill-parti kkonċernata, lil hinn mit-tnax-il ġurnata ttrasferiti awtomatikament, peress li l-Kummissjoni kienet obbligata ssegwi l-istess rekwiżiti minimi bħal dawk li japplikaw għall-ħaddiema tad-dritt komuni skont id-Direttiva 2003/88 li ġiet interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha Schultz-Hoff[7].

5. Madankollu, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Qorti Ġenerali"), li tressaq appell quddiemha mill-Kummissjoni, annullat is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u, b'deċiżjoni fuq il-mertu, ċaħdet ir-rikors ta' G. Strack[8]. Essenzjalment, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali hija bbażata fuq l-argument li d-Direttiva 2003/88 kif ukoll il-ġurisprudenza Schultz-Hoff ma jistgħux jiġu trasposti għall-kundizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-uffiċjali tal-istituzzjonijiet Ewropej.

6. Għandu jitfakkar li fis-sentenza Schultz-Hoff *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja stqarret li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 jipprekludi dispożizzjonijiet jew prattiki nazzjonali li jipprevedu li d-dritt għal-leave annwali imħallas jintemm mal-iskadenza tal-perijodu inkwistjoni u/jew tal-perijodu ta' trasferiment tal-leave stabbilit mid-dritt nazzjonali anki meta l-ħaddiem kien bil-leave tal-mard matul il-perijodu inkwistjoni kollu jew matul parti minnu u l-inkapaċità tiegħu għax-xogħol issoktat sat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg tiegħu, raġuni li għaliha huwa ma setax jeżerċita d-dritt tiegħu għal-leave annwali imħallas[9]. Essenzjalment, hija kkonfermat dan il-prinċipju fis-sentenzi suċċessivi, filwaqt li interpretat tali prinċipju f'iktar dettall[10].

7. Fuq proposta tal-Ewwel Avukat Ġenerali, l-Awla għall-eżami mill-ġdid tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tibda proċedura ta' eżami mill-ġdid fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali[11] (it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(2) TFUE, l-Artikoli 62 u 62a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikolu 193(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja). Is-suġġett ta' dan l-eżami mill-ġdid ġie fformulat kif ġej:

"L-eżami mill-ġdid ser jikkonċerna kwistjonijiet dwar jekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mad-dritt għal leave annwali mħallas bħala prinċipju tad-dritt soċjali tal-Unjoni, bl-istess mod espressament stabbilit fl-Artikolu 31(2) tal-[Karta] u msemmi b'mod partikolari fid-[Direttiva 2003/88], is-sentenza tal-Qorti Ġenerali [...] tiksirx l-unità jew il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni sa fejn l-imsemmi Qorti Ġenerali, bħala qorti tal-appell, interpretat:

— l-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti [...] fis-sens li ma jkoprix ir-rekwiżiti dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol imsemmija fid-Direttiva 2003/88 u, b'mod partikolari, il-leave annwali mħallas, u,

— sussegwentement, l-Artikolu 4 tal-Anness V tal-imsemmija Regolamenti fis-sens li jimplika li d-dritt li jiġu ttrasferiti l-ġranet ta' leave lil hinn mil-limitu li tistabbilixxi l-imsemmija dispożizzjoni jista' jiġi rrikonoxxut biss fil-każ ta' impediment marbut mal-attività tal-uffiċjal minħabba l-eżerċizzju tal-qadi ta' dmirijietu."

6 — Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-15 ta' Marzu 2011, Strack vs Il-Kummissjoni (F-120/07), iktar 'il quddiem is-"sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku".

7 — Sentenzi tal-20 ta' Jannar 2009, Schultz-Hoff *et* (C-350/06 u C-520/06, Ġabra p. I-179); tat-22 ta' Novembru 2011, KHS (C-214/10, Ġabra p. I-11757); tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez (C-282/10); tat-3 ta' Mejju 2012, Neidel (C-337/10); tal-21 ta' Ġunju 2012, ANGED (C-78/11), kif ukoll Heimann u Toltschin (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4 iktar 'il fuq), iktar 'il quddiem, flimkien, il-"ġurisprudenza Schultz-Hoff".

8 — Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Strack (T-268/11 P, iktar 'il quddiem is-"sentenza taħt eżami mill-ġdid").

9 — Sentenza iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7 iktar 'il fuq (punt 49).

10 — Sa fejn jikkonċernana hawnhekk ara, b'mod partikolari, is-sentenzi KHS u Dominguez, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7 iktar 'il fuq.

11 — Deċiżjoni tal-11 ta' Diċembru 2012, Eżami mill-ġdid Il-Kummissjoni vs Strack (C-579/12 RX).

8. Hija l-ewwel darba li proċedura ta' eżami mill-ġdid tikkonċerna kwistjonijiet tad-dritt sostantiv, li tittratta d-drittijiet fundamentali rikonoxxuti fuq livell tal-Unjoni. Lil hinn mill-problema tat-trasferiment tal-ġranet tal-leave, li għall-ewwel tista' tidher pjuttost teknika, l-indikazzjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja ser tagħti dwar dan is-suġġett huma ta' importanza fundamentali għall-evoluzzjoni u għall-implementazzjoni konkreta tad-dritt kollu tas-servizz pubbliku Ewropew.

## II – Il-kuntest ġuridiku

### A – *Il-Karta*

9. Skont l-Artikolu 31(2) tal-Karta, "[k]ull ħaddiem għandu d-dritt [...] għal perjodu annwali ta' leave imħallas".

10. Skont l-ispjegazzjonijiet li jikkonċernaw il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali [12], din id-dispożizzjoni hija bbażata fuq id-Direttiva 93/104, kif ukoll fuq l-Artikolu 2 tal-Karta Soċjali Ewropea [13] u fuq il-punt 8 tal-Karta tal-Komunità dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema [14].

### B – *Ir-Regolamenti tal-Persunal*

11. Skont l-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, li jifforma parti mid-dispożizzjonijiet ġenerali tagħhom:

"L-uffiċjali f'impieg attivi għandhom jingħataw l-kondizzjonijiet tax-xogħol, konformi ma' l-istandards xierqa tas-saħħa u tas-sigurtà, mill-anqas ekwivalenti għall-ħtiġijiet minimi applikabbli taħt il-miżuri adottati f'dawn l-oqsma skond it-Trattati."

12. Taħt it-Titolu IV, Kapitolu 2 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jikkonċerna l-leave, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 57 jipprovdi:

"L-uffiċjali għandhom ikunu intitolati għal leave fis-sena ta' mhux anqas minn 24 jiem utli lanqas aktar minn 30 jiem utli għal kull sena kalendarja, skond ir-regoli mniżżla bil-ftehim komuni ta' l-istituzzjonijiet [tal-Unjoni] wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal."

13. L-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal [15], li jagħmel parti mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċeduri għall-għoti tal-leave, jipprovdi:

"Meta uffiċjal, għal raġunijiet barra l-ħtiġiet tas-servizz, m'użax il-leave kollha tas-sena tiegħu qabel l-aħħar tas-sena kalendarja kurrenti, l-ammont ta' leave li jista' jinġarr għas-sena ta' wara m'għandux jaqbeż it-12-il ġurnata.

Meta uffiċjal fil-mument li jitlaq mis-servizz m'użax il-leave tas-sena kollha tiegħu, għandu jitħallas kumpens daqs wieħed minn tletin tar-remunerazzjoni fix-xahar tiegħu fil-mument li jitlaq mis-servizz għal kull ġurnata ta' leave dovuta lilu.

[…]"

12 — ĠU 2007, C 303, p. 17 (26).

13 — Iffirmata f'Torino fit-18 ta' Ottubru 1961.

14 — L-imsemmija Karta ġiet adottata fl-okkażjoni tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Diċembru 1989 fi Strasbourg. Din ġiet riprodotta f'dokument tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ottubru 1989 [COM(89) 471 finali].

15 — Il-verżjoni Ġermaniża tal-ewwel subparagrafu ta' dan l-artikolu kienet suġġetta għal rettifika (ĠU 2007, L 248, p. 26 in fine).

14. Ċirkulari tad-Direttorat Ġenerali "Persunal u amministrazzjoni" tal-Kummissjoni, ippubblikata f'*Informazzjoni amministrattiva* Nru 66-2002, tat-2 ta' Awwissu 2002, tipprovdi:

"Jekk in-numru ta' jiem ta' leave mhux meħud jaqbeż it-tnax, il-jiem ta' leave li jaqbżu t-tnax-il jum jistgħu jiġu ttrasferiti biss jekk jiġi stabbilit li l-uffiċjal ma setax jeħodhom matul is-sena kalendarja pendenti, minħabba raġunijiet dovuti għall-bżonnijiet tas-servizz."

15. L-imsemmija ċirkolari ġiet sostitwita, b'effett mill-1 ta' Mejju 2004, b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-28 ta' April 2004, li tistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet ta' implementazzjoni fil-qasam tal-leave[16], li fost oħrajn tistabbilixxi:

"It-trasferiment ta' iktar minn [tnax-il] jum huwa awtorizzat biss jekk jiġi stabbilit li l-persuna interessata ma setgħetx teħodhom matul is-sena kalendarja pendenti għal raġunijiet dovuti għall-bżonnijiet tas-servizz (li għandhom jiġu ġġustifikati espliċitament) u għandhom jiżdiedu mad-drittijiet tas-sena kalendarja segwenti wara deċiżjoni tad-[direttur tar-riżorsi umani];

[…]

Ebda trasferiment lil hinn minn [tnax-il] jum ma huwa awtorizzat jekk il-ġranet tal-leave mhux meħuda jkunu dovuti għal raġunijiet oħra għajr dawk meħtieġa fis-servizz (eż. għal raġunijiet ta' saħħa, mard, inċident, irkupru ta' leave annwali wara inċident jew mard matul il-leave annwali, leave tal-maternità, leave tal-adozzjoni, leave parentali, leave familjari, leave għal raġunijiet personali, leave mingħajr ħlas, leave għal servizz militari, eċċ);

[…]"

16. Mill-konklużjoni Nru 53A/70 tal-kapijiet tal-amministrazzjoni, tad-9 ta' Jannar 1970, jirriżulta wkoll li t-trasferiment ta' leave għandu jkun limitat għal tnax-il jum anki f'każ ta' mard prolungat.

C – *Id-Direttiva 2003/88*

17. Id-Direttiva 2003/88 tissostitwixxi d-Direttiva 93/104, u r-referenzi għal din tal-aħħar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal tal-ewwel[17].

18. Skont il-premessa 6 tad-Direttiva 2003/88:

"Akkont għandu jittieħed tal-prinċipji ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) fir-rigward ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, inklużi dawk relatati max-xogħol ta' bil-lejl."

19. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/88, intitolat "Għan u skop", jipprovdi s-segwenti:

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi ħtiġiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol.

2. Din id-Direttiva tapplika għal:

a) perjodi minimi ta' […] leave annwali […]

[…]"

16 — C (2004) 1597.

17 — Ara l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2003/88.

20. L-Artikolu 7 ta' din id-Direttiva, intitolat "Leave annwali", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal-leave annwali bil-ħlas ta' mill-anqas erba' ġimgħat b'konformità mal-kondizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta', leave bħal dan stabbilit bil-leġislazzjoni nazzjonali u/jew bil-prattika.

2. Il-perjodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas ma jistax ikun mibdul b'pagament ta' benefiċċji bħala kumpens, apparti minn meta r-relazzjoni ta' l-impieg tkun ġiet itterminata."

## III – Analiżi

21. B'konformità mal-qafas stabbilit mill-awla tal-eżami mill-ġdid fid-deċiżjoni tagħha ta' ftuħ tal-proċedura[18], l-analiżi tiegħi tas-sentenza taħt eżami mill-ġdid essenzjalment tittratta l-kwistjoni dwar jekk il-Qorti Ġenerali wettqitx ksur tal-unità jew tal-koerenza tad-dritt tal-Unjoni billi interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 4 tal-Anness V tal-imsemmija Regolamenti, sa fejn huwa kkonċernat it-trasferiment tal-leave annwali mhux meħud minħabba raġuni ta' mard fit-tul tal-persuna kkonċernata.

22. Qabelxejn, għandu jiġi miċħud l-argument imressaq mill-Kummissjoni u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li jipprovdi li ebda ksur tal-unità jew tal-koerenza tad-dritt tal-Unjoni ma jista' jiġi kkonstatat f'dan il-każ, abbażi tal-fatt li l-Qorti Ġenerali ma applikatx "standards ta' natura trasversali", iżda dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal li ma kinux intiżi jiġu applikati f'oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni.

23. Jekk l-argument ta' dawn iż-żewġ istituzzjonijiet jitqies bħala ammissibbli, il-proċedura ta' eżami mill-ġdid ikollha r-riskju li titlef kull sinjifikat. Jidhirli li l-Kummissjoni u l-Kunsill ma rrikonoxxewx l-iskop ta' din il-proċedura. Fil-fatt, ir-riskju ta' ksur tal-unità jew tal-koerenza tad-dritt tal-Unjoni jista' jinħoloq ukoll dwar dispożizzjonijiet tekniċi li jagħmlu parti minn leġiżlazzjoni speċjali, meta dawn jiġu interpretati u applikati mill-Qorti Ġenerali b'mod li jitqiegħdu f'kontradizzjoni mal-leġiżlazzjoni applikabbli fl-oqsma l-oħra tad-dritt tal-Unjoni jew mal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni li huma ta' natura trasversali.

24. Huwa f'dan il-kuntest, li ser jiġi analizzat, qabelxejn, jekk is-sentenza taħt eżami mill-ġdid hijiex ivvizzjata bi żbalji ta' liġi fir-rigward tar-regoli tar-Regolamenti tal-Persunal applikabbli għal-leave annwali (Titolu A hawn taħt), qabel ma nindirizza l-kwistjoni dwar jekk dawn l-iżbalji possibbli jiksrux l-unità jew il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni (Titolu B hawn taħt).

### A – *Żbalji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali*

25. Filwaqt li l-partijiet u l-istituzzjonijiet issottomettew l-osservazzjonijiet tagħhom lill-Qorti tal-Ġustizzja, għandhom riżervi kbar fuq il-fatt dwar jekk is-sentenza taħt eżami mill-ġdid hijiex ivvizzjata bi żbalji ta' liġi fir-rigward tad-dritt għal perijodu annwali ta' leave imħallas. G. Strack isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi kbar billi rrifjutat li tapplika r-rekwiżiti tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, kif interpretati mill-ġurisprudenza Schultz-Hoff, fil-kuntest tal-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 4 tal-Anness V ta' dawn ir-Regolamenti. Il-Kummissjoni u l-Kunsill isostnu argument dijametrikament oppost u jiddefendu, b'argumenti essenzjalment identiċi, is-sentenza taħt eżami mill-ġdid kif deċiża mill-Qorti Ġenerali.

18 — Iċċitata fil-punt 7 u fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11 ta' din l-opinjoni.

1. Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal: inklużjoni ta' rekwiżiti minimi tad-Direttiva 2003/88

26. Skont l-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, "[l]-uffiċjali għandhom jingħataw l-kondizzjonijiet tax-xogħol, konformi ma' l-istandards xierqa tas-saħħa u tas-sigurtà, mill-anqas ekwivalenti għall-ħtiġijiet minimi applikabbli taħt il-miżuri adottati f'dawn l-oqsma skond it-Trattati".

27. B'mod differenti mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, il-Qorti Ġenerali, fil-kwalità tagħha ta' qorti tat-tieni istanza, interpretat din id-dispożizzjoni fis-sens li ma tkoprix ir-rekwiżiti li jirrigwardaw il-leave annwali mħallas kif previst fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u kif interpretati mill-ġurisprudenza Schultz-Hoff[19].

28. Billi għamlet hekk, il-Qorti Ġenerali tat interpretazzjoni ristrettiva wisq tal-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal li ftit li xejn hija konvinċenti.

29. Fil-fatt, mill-Artikolu 1(1) kif ukoll mill-preambolu tad-Direttiva 2003/88[20] jirriżulta espressament li din għandha bħala suġġett "rekwiżiti minimi ta' sigurtà u ta' saħħa" fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. B'hekk, is-suġġett tad-Direttiva 2003/88 jikkorrispondi perfettament ma' dak tal-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal li ssir ukoll referenza għalih – u f'termini kważi identiċi – għar-"rekwiżiti minimi" fil-qasam ta' "standards ta' saħħa u ta' sigurtà". Fid-dawl tal-formulazzjoni ta' dawn iż-żewġ testi, jidher li huwa diffiċli li nsostni li d-Direttiva 2003/88, li timplementa, fost l-oħrajn, id-dritt għal perijodu annwali ta' leave imħallas, ma tkunx koperta bl-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.

30. Kuntrarjament għal dak sostnut mill-Qorti Ġenerali[21] kif ukoll mill-Kummissjoni u mill-Kunsill, ma jistax jiġi llimitat biss il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-istandards tekniċi minimi ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tagħhom, li ma humiex irregolati minn dispożizzjonijiet oħra fir-Regolamenti tal-Persunal[22]. Tali interpretazzjoni tinjora l-fatt li l-imsemmi Artikolu 1e jagħmel parti mid-dispożizzjonijiet ġenerali tar-Regolamenti tal-Persunal li huma intiżi li jiġu applikati b'mod trasversali fl-oqsma kollha tad-dritt tas-servizz pubbliku Ewropew u li għalhekk ma għandhomx jiġu interpretati b'mod strett.

31. Barra minn hekk, l-argumenti mressqa mill-Kummissjoni bbażati fuq l-oriġini tal-Artikolu 1e tar-Regolamenti tal-Persunal, b'ebda mod ma jimmilitaw favur interpretazzjoni stretta ta' din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, la l-proposta inizjali tal-Kummissjoni[23] u lanqas il-verżjoni tal-imsemmi Artikolu 1e approvata mill-"Kumitat ta' Konsultazzjoni"[24] ma jinkludu indikazzjonijiet ċari u preċiżi fis-sens li huma biss l-istandards tekniċi fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà, jew biss l-oqsma li ma humiex irregolati minn partijiet oħra tar-Regolamenti tal-Persunal, li huma koperti b'din id-dispożizzjoni l-ġdida.

19 — Sentenza taħt eżami mill-ġdid (b'mod partikolari l-punti 52 sa 56).

20 — Ara, b'mod partikolari, il-premessi 1 u 4 tad-Direttiva 2003/88.

21 — Sentenza taħt eżami mill-ġdid (punt 53).

22 — L-eżempji msemmija mill-Kummissjoni f'dan il-kuntest huma s-segwenti: is-sigurtà kontra n-nirien, is-sustanzi perikolużi, il-ventilazzjoni u l-ergonomija.

23 — Proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej kif ukoll l-iskema applikabbli għall-aġenti l-oħra ta' dawn il-Komunitajiet, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-24 ta' April 2002 [COM(2002) 213 finali].

24 — Dokument tal-Kunsill Nru 12957/03 tas-26 ta' Settembru 2003, intitolat: "Approvazzjoni tar-riżultati tal-Kumitat ta' Konsultazzjoni" (ara b'mod partikolari l-punt 11).

32. Huwa minnu li l-verżjoni Ġermaniża tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni tagħmel referenza għal "standards ta' saħħa u ta' sigurtà *fuq il-post tax-xogħol*"[25]. Madankollu, din iż-żieda, anki jekk jitqies li tista' tindika rieda kwalunkwe li teskludi r-rekwiżiti minimi fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, ma tidhirx fil-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra tal-proposta tal-Kummissjoni li kkonsultajt[26]. L-imsemmija żieda f'verżjoni lingwistika waħda tal-proposta ta' regolament, jidhirli għalhekk li hija irrilevanti għall-finijiet ta' determinazzjoni affidabbli tar-rieda tal-leġiżlatur Komunitarju ta' dak iż-żmien, u dan jgħodd iktar u iktar peress li l-verżjoni finali tal-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal li ġiet adottata mill-Kunsill[27] ma tinkludi l-ebda referenza għal "post tax-xogħol", u dan lanqas fil-verżjoni Ġermaniża.

33. Il-Kummissjoni lanqas ma tista' tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 31 tal-Karta sabiex tiġġustifika interpretazzjoni stretta tal-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal. Ċertament, l-imsemmija dispożizzjoni tal-Karta tinkludi żewġ paragrafi distinti li minnhom, l-ewwel wieħed biss jikkonċerna espressament is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, filwaqt li t-tieni, li jikkonċerna l-ħin tax-xogħol u l-leave imħallas, ma jagħmel ebda riferiment espress dwar l-aspetti ta' saħħa u ta' sigurtà. Xorta jibqa' l-fatt li madankollu, dan it-tieni paragrafu jikkonċerna, huwa wkoll, is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fis-sens tad-Direttiva 2003/88, li kienet id-Direttiva 93/104. Fil-fatt, l-Artikolu 31(2) tal-Karta huwa bbażat, fost l-oħrajn, fuq din l-aħħar direttiva, kif jirriżulta b'mod ċar mill-ispjegazzjonijiet marbuta mal-Karta[28]. Is-suġġett tal-imsemmija direttiva huwa preċiżament li jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi tas-sigurtà u tas-saħħa[29].

34. Lanqas ma huwa konvinċenti wisq l-argument tal-Kummissjoni, adottat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza taħt eżami mill-ġdid[30], li jipprovdi li "inkorporazzjoni", fir-Regolamenti tal-Persunal, ta' rekwiżiti minimi inklużi fid-Direttiva 2003/88 jikkontradixxu l-awtonomija tal-leġiżlatur tal-Unjoni fil-qasam tas-servizz pubbliku, stabbiliti fl-Artikolu 336 TFUE. Hekk kif ġustament osserva G. Strack, huwa preċiżament fl-eżerċizzju ta' din l-awtonomija leġiżlattiva li l-Kunsill inkluda dispożizzjoni ġenerali fir-Regolamenti tal-Persunal, ċjoè l-Artikolu 1e(2), li jintroduċi l-istandards minimi fir-rigward ta' saħħa u ta' sigurtà – kif jidhru fid-Direttiva 2003/88 – fid-dritt tas-servizz pubbliku Ewropew.

35. B'hekk, it-teħid inkunsiderazzjoni tad-Direttiva 2003/88 f'kawża bħal din ineżami b'ebda mod ma tikser l-awtonomija tal-leġiżlatur, iżda tikkorrispondi għad-diċitura u għall-ispirtu ta' klawżola ġdida li huwa stess għażel li jinkludi fir-Regolamenti tal-Persunal. Jekk inhu minnu li r-rekwiżiti minimi inklużi fid-direttivi tal-Unjoni fir-rigward tad-dritt għax-xogħol jindirizzaw fl-ewwel lok lill-Istati Membri u ma humiex awtomatikament kontestabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni[31], dawk tad-Direttiva 2003/88 huma għalhekk applikabbli għas-servizz pubbliku Ewropew fil-konfront tal-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.

36. B'hekk, b'kunsiderazzjoni għal kollox, fil-fehma tiegħi l-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal jista' u għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri r-rekwiżiti marbuta mal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol li jinsabu fid-Direttiva 2003/88 u, b'mod partikolari, mal-leave annwali mħallas. Billi ddeċidiet kuntrarjament, il-Qorti Ġenerali vvizzjat is-sentenza taħt eżami mill-ġdid bi żball ta' liġi.

25 — Bil-lingwa Ġermaniża: "Gesundheits- und Sicherheitsbedingungen *am Arbeitsplatz*" (l-enfasi hija tiegħi).

26 — Verżjonijiet bl-Ispanjol, Daniż, Ingliż, Franċiż, Taljan, Olandiż, Portugiż u Svediż.

27 — L-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti fil-verżjoni tagħhom li tirriżulta mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 723/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 2, p. 130).

28 — Dawn l-ispjegazzjonijiet, li huma riprodotti fil-punt 10 ta' din l-opinjoni, ġew imħejjija fid-dawl li jiggwidaw l-interpretazzjoni tal-Karta u għandhom għalhekk jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-qrati tal-Unjoni u minn dawk tal-Istati Membri (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 6(1) TUE moqri flimkien mal-Artikolu 52(7) tal-Karta).

29 — Ara f'dan is-sens, il-punt 29 ta' din l-opinjoni.

30 — Sentenza taħt eżami mill-ġdid (punt 53 in fine).

31 — Sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, Rinke (C-25/02, Ġabra p. I-8349, punt 24), kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2011, Adjemian *et* vs Il-Kummissjoni (T-325/09 P, Ġabra p. II-6515, punt 51).

2. Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal: trasferiment ta' leave annwali mhux meħud minħabba raġuni ta' saħħa

37. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal, it-trasferiment ta' leave annwali għas-sena suċċessiva ma jistax jeċċedi tnax-il jum jekk uffiċjal, għal raġunijiet mhux dovuti għall-ħtiġijiet tas-servizz, ma jkunx uża l-leave annwali tiegħu sal-aħħar tas-sena kalendarja pendenti.

38. B'differenza mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, il-Qorti Ġenerali fil-kwalità tagħha ta' qorti tat-tieni istanza, interpretat din id-dispożizzjoni bħala li timplika li d-dritt għat-trasferiment tal-leave annwali lil hinn mil-limitu ta' tnax-il jum ma jistax jingħata ħlief fil-każ ta' prevenzjoni marbuta mal-attività tal-uffiċjal għall-fatt li jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu. Skont il-Qorti Ġenerali, dan jeskludi kull trasferiment ta' ġranet ta' leave li jeċċedi l-limitu regolamentari ta' tnax-il jum meta dawn il-ġranet tal-leave ma jistgħux jittieħdu minħabba raġuni ta' mard fit-tul tal-uffiċjal ikkonċernat[32].

39. Għar-raġunijiet li se nesponi iktar 'il quddiem, din l-interpretazzjoni li tagħti l-Qorti Ġenerali għall-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal tidher eċċessivament stretta u ma tosservax b'mod sostanzjali r-rekwiżiti minimi marbuta mal-leave annwali kif jirriżultaw fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, moqri fid-dawl tal-ġurisprudenza Schultz-Hoff.

40. Huwa minnu li l-interpretazzjoni mħaddna mill-Qorti Ġenerali, li barra minn hekk hija vigorożament sostnuta mill-Kummissjoni u mill-Kunsill, tidher li tista' tkun ikkorroborata, tal-inqas *prima facie*, mill-formulazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal. Fil-fatt, it-termini ta' din id-dispożizzjoni jeskludu kull trasferiment ta' leave lil hinn mil-limiti regolamentari ta' tnax-il jum, sakemm tali trasferiment ma jkunx jista' jiġi ġġustifikat minn raġunijiet imputabbli għall-ħtiġijiet tas-servizz, b'tali mod li trasferiment ta' leave mhux meħud għal raġunijiet oħra, b'mod partikolari għal raġunijiet ta' mard, ma jidhirx, *a priori*, ammissibbli ħlief fil-limitu tal-imsemmijin tnax-il jum.

41. Madankollu, kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha, jirriżulta li fl-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, jeħtieġ jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni li tagħmel parti minnha[33].

42. Qabel xejn, fir-rigward tal-kuntest regolamentari li jagħmel parti minnu l-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet ġenerali tal-imsemmija Regolamenti u, iktar partikolari, l-Artikolu 1e(2) tagħhom. Kif għadni kif sostnejt[34], din id-dispożizzjoni tagħmel applikabbli fis-servizz pubbliku Ewropew, fost l-oħrajn, ir-rekwiżiti minimi inklużi fid-Direttiva 2003/88 fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, inkluż fil-qasam tal-leave annwali mħallas (Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88).

43. Fir-rigward, imbagħad, tal-għanijiet segwiti mir-Regolamenti tal-Persunal, għandu jiġi enfasizzat li r-riforma implementata bir-Regolament 723/2004, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004, kienet intiża fost l-oħrajn, li timmodernizza l-imsemmija Regolamenti, li jmorru lura għall-1962, fir-rigward tad-drittijiet u prinċipji fundamentali rikonoxxuti fuq livell tal-Unjoni[35], kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni soċjali[36]. Minn dan isegwi li prinċipju fundamentali tad-dritt soċjali tal-Unjoni

32 — Sentenza taħt eżami mill-ġdid (b'mod partikolari l-punti 54, 64 u 67).

33 — Sentenzi tas-17 ta' Novembru 1983, Merck (292/82, Ġabra. p. 3781, punt 12); tad-19 ta' Novembru 2009, Sturgeon *et* (C-402/07 u C-432/07, Ġabra p. I-10923, punt 41), kif ukoll tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et* (C-17/10, punt 73).

34 — Ara l-punti 26 sa 36 ta' din l-opinjoni.

35 — Ara, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet il-ġodda mdaħħla fir-Regolamenti permezz tal-Artikoli 1d, 11a, 12a u 17a, kif ukoll il-premessi 14 u 16 tar-Regolament Nru 723/2004.

36 — Premessa 9 tar-Regolament Nru 723/2004.

bħad-dritt għal perijodu annwali ta' leave bil-ħlas, li huwa stabbilit, b'mod partikolari, fl-Artikolu 31(2) tal-Karta u implementat bid-Direttiva 2003/88 u l-ġurisprudenza li tirrigwardaha, timmerita attenzjoni partikolari waqt l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolamenti tal-Persunal.

44. Kemm l-għanijiet segwiti mir-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll il-kuntest regolamentari li jagħmel parti minnu l-Artikolu 4 tal-Anness V tagħhom, jimmilitaw favur teħid inkunsiderazzjoni ta' rekwiżiti minimi li jirriżultaw mid-Direttiva 2003/88, b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha, kif interpretati mill-ġurisprudenza Schultz-Hoff u inkorporati fir-Regolamenti tal-Persunal permezz tal-Artikolu 1e(2) tagħhom.

45. Ma jistax jiġi kkontestat li l-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal jinkludi *lex specialis* li tipprevali fuq l-Artikolu 1e(2) tal-imsemmija Regolamenti. Kuntrarjament għal dak li jidher li riedu jsostnu l-Kummissjoni u l-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma kkonstatat li kull dispożizzjoni inkluża fl-annessi tar-Regolamenti tal-Persunal għandha neċessarjament tipprevali fuq id-dispożizzjonijiet ġenerali tagħhom. Għalkemm huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-annessi tagħhom għandhom l-istess importanza [37], in-natura tal-*lex specialis* ma ġietx rikonoxxuta għall-annessi sa fejn dawn jimplementaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-Persunal [38]. Issa, dan ma huwiex preċiżament il-każ bejn l-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 4 tal-Anness V tal-istess Regolamenti. Ċertament, il-"proċeduri għall-għoti tal-leave" inklużi f'dan l-Anness V li jimplementa t-Titolu IV, Kapitolu 2 tar-Regolamenti tal-Persunal, b'mod partikolari l-Artikolu 57 tagħhom, l-imsemmi Anness V ma jinkludi l-ebda miżura ta' applikazzjoni marbuta mal-Artikolu 1e tal-istess Regolamenti.

46. Anki jekk jitqies li jista' jiġi stabbilit li l-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal jinkludi regoli iktar speċifiċi mill-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti, madankollu, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtieġa ta' "qbil prattiku" bejn dawn l-imsemmija dispożizzjonijiet statutorji.

47. L-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal jistabbilixxi prinċipju li huwa intiż li jiġi applikat fl-oqsma kollha rregolati bir-Regolamenti. Minn dan isegwi li r-rekwiżiti minimi fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà li jirreferi għalihom – b'mod partikolari dawk tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, kif interpretat mill-ġurisprudenza Schultz-Hoff – għandhom jittieħdu debitament inkunsiderazzjoni fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolamenti tal-Persunal, inkluż fl-Anness V tagħhom.

48. Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li l-Artikolu 1e tar-Regolamenti tal-Persunal huwa iktar riċenti mill-Artikolu 4 tal-Anness V tal-istess Regolamenti, u b'hekk jista' jiġi kkunsidrat bħala *lex posterior*. B'hekk ma nistax ninjora l-indikazzjonijiet il-ġodda, introdotti riċentement fir-Regolamenti mil-leġiżlatur permezz tal-Artikolu 1e, waqt l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Anness V tal-imsemmija Regolamenti.

49. Dan ma jfissirx li r-regola li ma jiġux ittrasferiti d-drittijiet għal leave annwali, prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal, issa titlef l-effettività tagħha. Fil-fatt, huwa biss f'każ ta' mard għal perijodu twil tal-uffiċjal ikkonċernat li r-rekwiżiti minimi tad-Direttiva 2003/88, kif interpretati mill-ġurisprudenza Schultz-Hoff u inkorporati fir-Regolamenti tal-Persunal permezz tal-Artikolu 1e(2) ta' dawn tal-aħħar, jitolbu ċertu flessibbiltà tal-imsemmija regola.

37 — Sentenza tal-24 ta' Novembru 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-40/10, Ġabra p. I-12043, punt 61).

38 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2008, Centeno Mediavilla *et* vs Il-Kummissjoni (C-443/07 P, Ġabra p. I-10945, punt 105), kif ukoll Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 37, punti 61 sa 67).

50. Moqri fid-dawl tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u tal-ġurisprudenza Schultz-Hoff (applikabbli għas-servizz pubbliku Ewropew skont l-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal), l-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti għandu jinftiehem fis-sens li ma jipprekludix kwalunkwe trasferiment ta' ġranet ta' leave annwali li jeċċedi l-limitu regolamentari ta' tnax-il jum fil-każ ta' marda fit-tul li ċċaħħad lill-uffiċjal ikkonċernat milli juża d-drittijiet tiegħu għal leave annwali.

51. Kuntrarjament għal dak li ġie affermat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza taħt eżami mill-ġdid, kif ukoll mill-Kummissjoni u mill-Kunsill, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal li għadni kif semmejt fil-punt 50 iktar 'il fuq, ma hijiex interpretazzjoni *contra legem*[39]. Pjuttost għall-kuntrarju, jidhirli li din l-interpretazzjoni hija l-unika waħda li tkun tirrispetta b'mod sħiħ mhux biss it-termini, iżda wkoll il-kuntest regolamentari li fih jagħmel parti minnu l-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti, kif ukoll l-għanijiet intiżi tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

52. Il-problema tad-drittijiet għal leave mhux meħud minħabba raġuni ta' mard tista' biss tiġi indirizzata b'interpretazzjoni flessibbli tal-projbizzjoni tat-trasferiment inkluża fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal, b'riskju li tikkomprometti l-qofol tar-rekwiżiti minimi li jirriżultaw mill-Artikolu 1e(2) tal-imsemmija Regolamenti, b'konnessjoni mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, kif inhi interpretata mill-ġurisprudenza Schultz-Hoff:

— jew jitqies, kif għamel it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku[40], li t-trasferiment tad-drittijiet għal leave mhux użat minħabba raġuni ta' mard b'ebda mod ma huwa kopert bl-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal,

— jew li jsir xebh bejn l-inkapaċità għax-xogħol debitament iġġustifikata b'rapport mediku għall-"ħtiġijiet tas-servizz" li jiġġustifikaw trasferiment ta' ġranet ta' leave mhux meħuda.

53. L-ewwel interpretazzjoni alternattiva (ara, iktar 'il fuq, l-ewwel inċiż tal-punt 52) hija bbażata fuq l-idea li l-projbizzjoni ta' trasferiment għas-sena suċċessiva, ta' iktar minn tnax-il jum ta' leave annwali "għal raġunijiet ta' mard 'il barra mill-ħtiġijiet tas-servizz" hija fiha nfisha suġġetta għal interpretazzjoni. Ma huwiex eskluż li din il-projbizzjoni tiġi interpretata b'mod restrittiv u mifhuma fis-sens li din sempliċiment tillimita l-leave annwali li jistgħu jiġu ttrasferiti għal raġunijiet purament personali, tirriżulta minn għażla ħielsa ta' kull uffiċjal, b'oppożizzjoni għall-ħtiġijiet tas-servizz, li huma ddeterminati mis-superjuri tiegħu. Issa, il-mard huwa ċirkustanza li la jiddependi mill-għażla ħielsa tal-uffiċjal ikkonċernat u lanqas minn għażliet magħmula mis-superjuri tiegħu.

54. It-tieni interpretazzjoni alternattiva (ara, iktar 'il fuq, it-tieni inċiż tal-punt 52) hija bbażata fuq l-idea li din mhux biss tkun kuntrarja għal-leġiżlazzjoni fis-seħħ[41], iżda tmur ukoll kontra l-interess tas-servizz, li tobbliga uffiċjal jaħdem jew jieħu l-leave annwali tiegħu meta l-istat ta' saħħtu ma jippermettilux jilħaq l-għanijiet ta' attività jew oħra. Għalkemm huwa kontra l-interess tas-servizz li uffiċjal marid jieħu l-leave annwali tiegħu, huwa għandu jkun awtorizzat jittrasferixxi d-drittijiet ta' leave mhux meħud minħabba l-mard tiegħu.

55. B'hekk, b'kunsiderazzjoni għal kollox, fil-fehma tiegħi l-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal jista' u għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix it-trasferiment kollu ta' ġranet ta' leave annwali li jeċċedu l-limitu regolamentari ta' tnax-il jum meta marda fit-tul tkun waqqfet lill-uffiċjal ikkonċernat milli juża d-drittijiet tiegħu għal leave annwali. Billi ddeċidiet kuntrarjament, il-Qorti Ġenerali vvizzjat is-sentenza taħt eżami mill-ġdid bi żball ta' liġi.

39 — Il-Kummissjoni tirreferi għas-sentenzi tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et* (C-378/07 sa C-380/07, Ġabra p. I-3071, punt 199), kif ukoll Dominguez (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 25) li jikkonċernaw, qabel xejn, l-obbligu li tiġi interpretata l-leġiżlazzjoni nazzjonali b'konformità ma' direttiva.

40 — Ara f'dan is-sens, is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (punti 72 u 74).

41 — Ara, minn naħa, l-Artikolu 59 tar-Regolamenti tal-Persunal, u min-naħa l-oħra, l-Artikolu 3 tal-Anness V tal-istess Regolamenti.

### 3. Konklużjoni intermedja

56. Billi rrifjutat li tikkunsidra r-rekwiżiti minimi fil-qasam tal-leave annwali mħallas kif jirriżulta mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, moqri fid-dawl tal-ġurisprudenza Schultz-Hoff, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi doppju. Hija bbażat ruħha mhux biss fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, iżda wkoll fuq qari żbaljat tal-Artikolu 4 tal-Anness V tal-imsemmija Regolamenti.

## B – *Ksur tal-unità jew tal-koerenza tad-dritt tal-Unjoni*

57. Billi s-sentenza taħt eżami mill-ġdid hija vvizzjata b'żewġ żbalji ta' liġi marbuta mal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll tal-Artikolu 4 tal-Anness V tal-imsemmija Regolamenti, għandu jiġi eżaminat jekk u, skont il-każ, sa liema punt din is-sentenza tikser l-unità jew il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni.

### 1. Fuq l-erba' kriterji adottati mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata ksur tal-unità jew tal-koerenza tad-dritt tal-Unjoni

58. Fiż-żewġ sentenzi taħt eżami mill-ġdid li ngħataw sa issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ffokat l-attenzjoni tagħha fuq erba' aspetti meta evalwat jekk deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali kinitx tikser l-unità jew il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni, fid-dawl tal-fatt li bbażat ruħha fuq evalwazzjoni globali ta' dawn l-aspetti, meħuda flimkien:

— il-fatt li l-Qorti Ġenerali skartat ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja [42];

— il-fatt li d-deċiżjoni taħt eżami mill-ġdid tista' tikkostitwixxi preċedent għal kawżi futuri [43];

— il-fatt li l-prinċipji mhux magħrufa mill-Qorti Ġenerali għandhom post importanti fis-sistema ġuridika tal-Unjoni [44], dan jista' jkun il-każ, b'mod partikolari meta l-imsemmija prinċipji huma ggarantiti mill-Karta [45];

— il-fatt li r-regola tad-dritt inkwistjoni ma taqax esklużivament taħt id-dritt tas-servizz pubbliku, iżda hija applikabbli indipendentement mill-qasam inkwistjoni [46].

59. Għalkemm huwa minnu li dawn l-erba' kunsiderazzjonijiet "la huma minimi u lanqas eżawrenti" [47], huma ma humiex inqas suffiċjenti sabiex jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata, f'dan il-każ, ksur tal-unità u tal-koerenza tad-dritt tal-Unjoni, kif ser jintwera iktar 'il fuq.

42 — Sentenzi tas-17 ta' Diċembru 2009, Eżami mill-ġdid M/EMEA (C-197/09 RX-II, Ġabra p. I-12033, punt 63), kif ukoll tat-28 ta' Frar 2013, Eżami mill-ġdid Arango Jaramillo *et* vs BEI (C-334/12 RX-II, punt 51).

43 — Sentenzi ta' eżami mill-ġdid M vs EMEA (iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punt 62), kif ukoll Eżami mill-ġdid Arango Jaramillo *et* vs BEI (iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punt 50).

44 — Sentenzi ta' eżami mill-ġdid M vs EMEA (iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punt 65), kif ukoll Eżami mill-ġdid Arango Jaramillo *et* vs BEI (iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punt 53).

45 — Sentenza ta' eżami mill-ġdid Arango Jaramillo *et* vs BEI (iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punt 53).

46 — Sentenzi ta' eżami mill-ġdid M vs EMEA (iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punt 64), kif ukoll Eżami mill-ġdid Arango Jaramillo *et* vs BEI (iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punt 52).

47 — Huwa f'dawn it-termini li l-erba' kriterji fformulati mill-Qorti tal-Ġustizzja ġew ikkwalifikati mill-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-punt 70 tal-opinjoni tiegħu fil-kawża illi tat lok għas-sentenza ta' eżami mill-ġdid Arango Jaramillo *et* vs BEI (iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42).

a) Fuq l-ewwel u t-tieni kriterju

60. Qabelxejn, sa fejn huma kkonċernati l-ewwel żewġ kriterji, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali skartat ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja billi rrifjutat li tapplika għall-każ ta' G. Strack, il-konstatazzjonijiet tas-sentenza Schultz-Hoff *et*[48]. B'hekk, is-sentenza taħt eżami mill-ġdid toħloq ir-riskju ta' diverġenza ta' qrati tal-Unjoni fil-qasam ta' leave imħallas, skont jekk humiex ħaddiema tad-dritt komuni jew tas-servizz pubbliku Ewropew.

61. Hekk ukoll is-sentenza taħt eżami mill-ġdid tista' toħloq preċedent għas-sentenzi futuri, peress li jekk tkun ivvalidata, bla dubju ssir id-deċiżjoni fondatriċi ta gamma ta' ġurisprudenza fir-rigward ta' leave imħallas fil-qasam tas-servizz pubbliku Ewropew.

62. Il-Kummissjoni u l-Kunsill joġġezzjonaw li dan ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami mill-ġdid, li tiddeċiedi fuq il-fondatezza ta' żvilupp tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali mogħtija minn din tal-aħħar fil-kwalità tagħha ta' qorti tal-appell. Dan l-argument ma jidhirlix li huwa importanti għall-każ inkwistjoni.

63. Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li issa huwa biss it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u l-Qorti Ġenerali li jevolvu l-ġurisprudenza fil-qasam tas-settur pubbliku; barra minn hekk, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma ddeċidietx fuq punt ta' liġi ma huwiex, fih innifsu, suffiċjenti sabiex jiġġustifika eżami mill-ġdid[49]. Madankollu, dan ma jimplikax li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u l-Qorti Ġenerali kienu rċevew "awtorizzazzjoni" mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jevolvu ġurisprudenza fid-diskrezzjoni tagħhom fil-qasam tas-settur pubbliku irrispettivament mill-kompatibbiltà ta' din il-ġurisprudenza mal-oqsma l-oħra tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mal-prinċipji l-kbar tagħha. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet ħsieb tippreċiża li hija tibqa' kompetenti, fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami mill-ġdid, sabiex tevita li d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tas-servizz pubbliku ma jippreġudikawx l-unità u l-koerenza tad-dritt tal-Unjoni[50].

b) Fuq it-tielet u r-raba' kriterju

64. Fir-rigward tat-tielet u r-raba' kriterji, għandu jiġi enfasizzat li l-iżbalji ta' liġi li bihom il-Qorti Ġenerali tkun ivvizzjat is-sentenza taħt eżami mill-ġdid ma humiex limitati għal interpretazzjoni żbaljata u għal applikazzjoni żbaljata ta' żewġ dispożizzjonijiet tekniċi tar-Regolamenti tal-Persunal, jiġifieri l-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti u l-Artikolu 4 tal-Anness V tal-istess Regolamenti, kif ukoll ta' direttiva, f'dan il-każ id-Direttiva 2003/88. Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod ripetut, id-dritt għal leave annwali, kif implementat bid-Direttiva 200/88, għandu jitqies li huwa prinċipju tad-dritt soċjali tal-Unjoni li għandu importanza partikolari, li minnu ma tistax issir deroga[51] u li ma għandux jiġi interpretat b'mod strett[52]. Barra minn hekk, l-importanza tiegħu żdiedet wara li l-Karta rriproduċiet dan id-dritt, b'mod partikolari, billi bbażat ruħha fuq id-Direttiva 2003/88 (li qabel kienet id-Direttiva 93/104)[53].

48 — Iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7.

49 — Deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2011, Eżami mill-ġdid Il-Kummissjoni vs Petrilli (C-17/11 RX, Ġabra p. I-299, punt 4).

50 — *Ibidem.*

51 — Sentenzi Schultz-Hoff (iċċitati iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punti 22 u 54); KHS (iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 23); ANGED (iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 16); Dominguez (iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 16), kif ukoll Heimann u Toltschin (iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 22). Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 ma jirriżultax fost id-dispożizzjonijiet li dwarhom hija possibbli deroga b'konformità mal-Artikolu 17 tal-imsemmija direttiva.

52 — Sentenzi ANGED (iċċitati iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 18), kif ukoll Heimann u Toltschin (iċċitati iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 23).

53 — Ara l-Artikolu 31(2) tal-Karta u l-ispjegazzjonijiet relatati miegħu (iċċitati iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10 ta' din l-opinjoni), kif ukoll is-sentenzi KHS (iċċitati iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 37); Neidel (iċċitati iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 40); ANGED (iċċitati iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 17), u Heimann u Toltschin (iċċitati iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 22).

65. Evidentement, id-dritt għal perijodu annwali ta' leave imħallas jirriżulta biss minn qasam partikolari tad-dritt tal-Unjoni, u huwa pjuttost applikabbli indipendentement mill-qasam inkwistjoni. B'hekk, billi tirrifjuta li tieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti minimi fil-qasam tal-leave imħallas kif jirriżultaw mid-Direttiva 2003/88, interpretata bil-ġurisprudenza Schultz-Hoff, il-Qorti Ġenerali injorat norma tad-dritt tal-Unjoni li għandha natura fundamentali u trasversali, kuntrarjament għal kif ġie sostnut mill-Kummissjoni u mill-Kunsill.

66. Huwa minnu li d-dritt tas-servizz pubbliku, inkluż dak tas-servizz pubbliku Ewropew, joħloq ċerti partikolaritajiet li jistgħu jeħtieġu derogi mid-dritt komuni fil-qasam tax-xogħol u fil-qasam soċjali[54]. Madankollu, tali derogi huma biss awtorizzati meta josservaw b'mod sħiħ il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li fih innifsu jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, stabbilit bl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta[55].

67. Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jirrikjedi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat[56]. Barra minn hekk, l-elementi li jikkaratterizzaw is-sitwazzjonijiet differenti kif ukoll il-paragunabbiltà tagħhom għandhom, b'mod partikolari, ikunu ddeterminati u evalwati fid-dawl tas-suġġett u l-iskop tal-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi d-distinzjoni inkwistjoni. Barra minn hekk, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-prinċipji u l-għanijiet tal-qasam li jifforma parti minnu l-att inkwistjoni[57].

68. Minn dan isegwi li, sabiex tiġġustifika devjazzjonijiet possibbli mil-leġiżlazzjoni applikabbli għall-uffiċjali rigward prinċipji fundamentali tad-dritt komuni applikabbli għall-ħaddiema kollha, ma tistax tittieħed sempliċiment bħala bażi evalwazzjoni globali tal-istatus professjonali ta' uffiċjal, minn naħa, u ta' dawk ta' ħaddiem tad-dritt komuni min-naħa l-oħra. Kull deroga individwali għandha tkun ibbażata fuq ċirkustanza speċifika tal-istatus professjonali ta' uffiċjal.

69. Issa, huwa preċiżament fil-qasam tal-leave imħallas li s-sitwazzjoni tal-uffiċjali Ewropej tidher paragunabbli ma' dik tal-ħaddiema tad-dritt komuni. Fil-fatt, huwa paċifiku li l-għan tad-dritt għal-leave annwali mħallas huwa li jippermetti lill-ħaddiem jistrieħ u jagħmel użu minn perijodu ta' rilassament u rikreazzjoni, u li dawn l-għanijiet ma jistgħux jintlaħqu meta l-persuna kkonċernata tkun marida[58], kemm jekk dan ikun ħaddiem tad-dritt komuni kif ukoll jekk uffiċjal, u li l-persuna li timpjegah tagħtih jew le pagamenti matul il-perijodu ta' mard tiegħu. B'hekk ma nara l-ebda raġuni oġġettiva li tiġġustifika trattament inqas favorevoli għal uffiċjal fil-konfront ta' ħaddiem tad-dritt komuni sa fejn huwa kkonċernat it-trasferiment ta' ġranet ta' leave annwali mhux meħud minħabba mard fit-tul, kif rikonoxxut mill-ġurisprudenza Schultz-Hoff.

54 — Wieħed għandu jirrifletti, b'mod partikolari, fuq it-termini tal-impjieg ta' uffiċjal u fuq il-kundizzjonijiet li taħthom huwa temm l-impjieg tiegħu.

55 — Sentenza tal-14 ta' Settembru 2010, Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni *et* (C-550/07 P, Ġabra p. I-8301, punt 54).

56 — Sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et* (C-127/07, Ġabra p. I-9895, punt 23), kif ukoll Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni *et* (iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 55, punt 55).

57 — Sentenza Arcelor Atlantique u Lorraine *et* (iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 56, punti 25 u 26). Ara, bl-istess mod, is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, Il-Lussemburgu vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-176/09, Ġabra p. I-3727, punt 32).

58 — Sentenzi Schultz-Hoff *et* (punt 25); KHS (punt 31), kif ukoll ANGED (punt 19), iċċitati iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7.

Osservazzjonijiet addizzjonali

70. Huwa minnu li l-ġurisprudenza Schultz-Hoff ma hijiex eżentata mill-kritika, u l-Kummissjoni, sostnuta mill-Kunsill, ma naqsitx milli tirrileva dan il-fatt. B'mod partikolari, hija enfasizzat id-diffikultajiet marbuta mal-implementazzjoni prattika ta' sistema li tippermetti, każ b'każ, it-trasferiment tad-drittijiet tal-leave annwali li ma ġiex użat, lil hinn minn numru ta' ġranet ittrasferiti awtomatikament. Barra minn hekk, hija tenfasizza l-ispiża ekonomika possibbli ta' tali sistema ta' trasferiment ta' ġranet ta' leave li tirriżulta għal persuna li timpjega u – fil-każ speċifiku tal-istituzzjonijiet Ewropej – għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni [59].

71. Madankollu jidhirli li din il-kawża ma tagħtix lok għal kontestazzjoni tal-fondatezza tal-ġurisprudenza Schultz-Hoff. Dan jgħodd iktar u iktar peress li l-oġġezzjonijiet issollevati mill-Kummissjoni u mill-Kunsill ma huma bbażati fuq ebda partikolarità tas-servizz pubbliku Ewropew. Għall-kuntrarju, l-istess problemi prattiċi u ekonomiċi jistgħu jirriżultaw fir-rigward tat-trasferiment tal-leave tal-ħaddiema tad-dritt komuni. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet Ewropej, bid-daqs u s-saħħa finanzjarja tagħhom, għandhom ikunu f'pożizzjoni li jaffrontaw tali problemi iktar minn impriżi privati ta' daqs żgħir jew medju.

72. Barra minn hekk, naraha sorprendenti li l-Kummissjoni, fil-kapaċità tagħha ta' istituzzjoni li timpjega, tista' twettaq kritika li hija partikolarment ħarxa fir-rigward tas-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Schultz-Hoff *et* [60], filwaqt li hija preċiżament din l-istess istituzzjoni li kienet issuġġerixxiet b'saħħa lill-Qorti tal-Ġustizzja tadotta l-imsemmija soluzzjoni fl-interpretazzjoni tad-Direttiva 2003/88 [61].

73. Li l-uffiċjali Ewropej jiċċaħħdu mit-tgawdija sħiħa ta' prinċipju importanti tal-liġi soċjali, kif madankollu jirrikonoxxi d-dritt tal-Unjoni għall-ħaddiema tad-dritt komuni, jidhirli li huwa inkompatibbli mal-ħtieġa li tiġi żgurata l-unità u l-koerenza tad-dritt tal-Unjoni.

c) Sommarju

74. Fid-dawl ta' dak li ntqal, f'dan il-każ, kull wieħed mill-erba' kriterji fformulati mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata ksur tal-unità jew tal-koerenza tad-dritt tal-Unjoni jidher li huwa sodisfatt.

2. Fuq id-distinzjoni bejn "unità" u "koerenza" tad-dritt tal-Unjoni

75. Għal raġunijiet ta' kompletezza, għandu jiġi rrilevat li d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura ta' eżami mill-ġdid, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(2) TFUE, ma jinkludux definizzjoni ta' kunċetti ta' "unità" u ta' "koerenza" tad-dritt tal-Unjoni. Sa llum, il-ġurisprudenza għadha ma tatx definizzjoni ċara u preċiża ta' dawn iż-żewġ kunċetti. Issa, jidhirli li ksur tal-unità tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi kkonstatat, b'mod partikolari, meta l-Qorti Ġenerali ma tkunx irrikonoxxiet normi jew prinċipji tad-dritt tal-Unjoni li huma ta' importanza partikolari, peress li ksur tal-koerenza tad-dritt tal-Unjoni għandu pjuttost jinżamm meta l-Qorti Ġenerali ma tkunx irrikonoxxiet ġurisprudenza eżistenti tal-qrati tal-Unjoni [62].

59 — Ara, bl-istess mod, fuq dan l-aħħar aspett, is-sentenza taħt eżami mill-ġdid (punt 50 in fine).

60 — Iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7.

61 — Ara, b'mod partikolari, il-punt 40 tar-rapport għas-seduta fil-kawża li tat lok għas-sentenza Schultz-Hoff *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7).

62 — Sentenza ta' eżami mill-ġdid Arango Jaramillo *et* vs BEI (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punti 54 u 55 tal-motivi kif ukoll il-punt 1 tad-dispożittiv). Ara bl-istess mod il-punt 76 tal-opinjoni tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza.

76. F'dan il-każ, dawn l-elementi huma t-tnejn sodisfatti, peress li l-Qorti Ġenerali ma rrikonoxxietx id-dritt għal perijodu annwali ta' leave imħallas kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza Schultz-Hoff. Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li s-sentenza taħt eżami mill-ġdid kisret kemm l-unità kif ukoll il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni.

### 3. Konklużjoni intermedja

77. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li s-sentenza taħt eżami mill-ġdid tikser l-unità u l-koerenza tad-dritt tal-Unjoni.

## IV – Konsegwenzi għall-kawża bejn G. Strack u l-Kummissjoni

78. Teoretikament, huwa ċertament konċepibbli li, fil-każijiet adattati, il-Qorti tal-Ġustizzja tillimita ruħha li tikkonstata ksur tal-unità jew tal-koerenza tad-dritt tal-Unjoni mingħajr ma tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali inkwistjoni. Madankollu, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62b tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, jipprekludi tali proċedura, kif irrilevat darbtejn[63] il-Qorti tal-Ġustizzja. Il-konstatazzjoni ta' ksur tal-unità jew tal-koerenza tad-dritt tal-Unjoni tobbliga lill-Qorti tal-Ġustizzja tibgħat lura l-kwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex hija nfisha tagħti deċiżjoni fuq il-kawża.

79. F'dan il-każ, il-kawża la teħtieġ konstatazzjonijiet fattwali u lanqas dibattiti ġuridiċi ulterjuri li jistgħu jiġġustifikaw rinviju quddiem il-Qorti Ġenerali. Fi kliem l-aħħar sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62b tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, "is-soluzzjoni tat-tilwima tirriżulta, fid-dawl tar-riżultat tal-eżami mill-ġdid, mill-konstatazzjonijiet ta' fatt li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali".

80. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li l-Qorti tal-Ġustizzja stess tagħti sentenza finali dwar it-tilwima. Dan jimplika, minn naħa, deċiżjoni dwar l-eżitu tal-appell imressaq mill-Kummissjoni kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Titolu A hawn taħt) u, min-naħa l-oħra, deċiżjoni fuq l-ispejjeż (Titolu B hawn taħt).

### A – *Iċ-ċaħda tal-appell tal-Kummissjoni*

81. Hekk kif spjegajt iktar 'il fuq[64], il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq interpretazzjoni żbaljata tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1e tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 4 tal-Anness V tal-istess Regolamenti. Fir-rigward tar-rekwiżiti minimi li jirriżultaw mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, kif interpretat mill-ġurisprudenza Schultz-Hoff, is-soluzzjoni mħaddna fl-ewwel istanza mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tidher legalment inkonfutabbli, b'hekk l-appell imressaq mill-Kummissjoni kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma jistax jintlaqa'. Għalhekk, l-imsemmi appell għandu jiġi miċħud.

63 — Sentenzi ta' eżami mill-ġdid M vs EMEA (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punti 68 u 69), kif ukoll Eżami mill-ġdid Arango Jaramillo *et* vs BEI (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punti 56 u 57).

64 — Punti 26 sa 56 ta' din l-opinjoni.

82. B'dan il-mod, l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata[65] deċiża mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-ewwel istanza[66], isir definittiv. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti, hija l-Kummissjoni li għandha tiddeċiedi mill-ġdid fuq il-likwidazzjoni tal-leave annwali għall-2004, mhux meħud minn G. Strack, b'konformità mat-talba ta' dan tal-aħħar u b'teħid inkunsiderazzjoni tal-ġurisprudenza Schultz-Hoff.

Osservazzjonijiet addizzjonali

83. L-oġġezzjoni tal-Kummissjoni li l-kontenut preċiż tad-dritt għal perijodu annwali ta' leave imħallas ma huwiex ċar f'dan l-istadju, ma tistax tiġi milqugħa. Fil-fatt, għalkemm il-ġurisprudenza għadha ma ċċaratx id-dettalji kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma ħalliet dubju dwar il-fatt li dan id-dritt jopponi rifjut kategoriku li jiġu ttrasferiti d-drittijiet għal-leave annwali mhux użat minħabba mard fit-tul[67].

84. Dan huwa biżżejjed għall-finijiet ta' soluzzjoni tat-tilwima bejn G. Strack u l-Kummissjoni. B'hekk, ir-riskju ta "trasferiment illimitat ta' ġranet ta' leave" ma jirriżultax fil-każ ta' G. Strack, peress li dan tal-aħħar kien intitolat għal pensjoni ta' invalidità fl-2005 u għalhekk irtira mis-servizz attiv matul is-sena kalendarja li tiġi immedjatament wara dik li fiha nħolqu d-drittijiet għal-leave ikkontestat.

85. Għandu jiġi nnotat li l-leġiżlatur tal-Unjoni jibqa' jkollu dritt li jemenda kemm id-Direttiva 2003/88 u kemm ir-Regolamenti tal-Persunal. B'mod partikolari, tista' tiġi prevista limitazzjoni ta' żmien ta' trasferiment ta' ġranet ta' leave annwali mhux meħud minħabba raġuni ta' mard[68], u l-modalitajiet tat-trasferiment tad-drittijiet għal leave jistgħu ivarjaw skont jekk jirriżultawx jew le mill-leave annwali minimu[69].

86. Madankollu, modifika eventwali tar-regoli statutorji applikabbli ma tistax issir b'mod retroattiv, u r-regoli l-ġodda għandhom jobbligaw lill-awtorità tal-ħatra tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-uffiċjal ikkonċernat kien waqaf milli jieħu d-drittijiet tiegħu għal leave annwali minħabba mard fit-tul.

87. Hija inkompatibbli mar-rekwiżiti minimi attwali fir-rigward ta' leave imħallas, kif jirriżultaw mid-Direttiva 2003/88, kwalunkwe esklużjoni kategorika ta' trasferiment ta' ġranet tal-leave mhux meħud minħabba raġuni ta' mard, kif ukoll kull limitazzjoni ta' numru ta' ġranet ta' leave – inqas mil-leave annwali minimu – li tista' tiġi ttrasferita, minħabba raġuni ta' mard, għas-sena immedjatament wara dik li fiha nħolqu d-drittijiet għal leave inkwistjoni[70].

B – *Fuq l-ispejjeż*

88. Skont l-Artikolu 195(6) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li hija s-suġġett ta' eżami mill-ġdid tkun ingħatat skont l-Artikolu 256(2) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

65 — Għandu jitfakkar, li dan jirriżulta mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Marzu 2007, li ċiħad it-talba ta' G. Strack intiża li jibbenefika mit-trasferiment tal-bilanċ tal-ġranet tal-leave tas-sena 2004 (ara s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, punt 20).

66 — Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (punt 79 tal-motivi u punt 1 tad-dispożittiv).

67 — Sentenza Schultz-Hoff *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, b'mod partikolari l-punti 48 u 49).

68 — Sentenzi KHS (b'mod partikolari l-punti 28, 29, 33, 34, 43 u 44), kif ukoll Neidel (punti 38 sa 43) iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7.

69 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Dominguez (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punti 47 sa 50).

70 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Schultz-Hoff *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punti 48, 49 u 52), kif ukoll ġurisprudenza ċċitata fin-noti ta' qiegħ il-paġna 68 u 69 ta' din l-opinjoni.

89. Minkejja li huwa minnu li r-Regoli ta' Proċedura tagħha ma jipprovdux regoli speċifiċi dwar kif għandhom jitqassmu l-ispejjeż fil-kuntest ta' proċedura ta' eżami mill-ġdid, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex, madankollu, tkun meħtieġa tikkundanna b'mod sistematiku kull waħda mill-partijiet fil-proċedura ta' eżami mill-ġdid kif ukoll kull parti fit-tilwima għall-ispejjeż tagħha stess. Huwa minnu li hija rrikorriet għal din l-aħħar soluzzjoni fl-ewwel żewġ sentenzi li hija tat fi proċeduri ta' eżami mill-ġdid [71]. Madankollu, jidhirli li l-karatteristiċi tal-każijiet differenti li jista' jkollha l-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' proċedura ta' eżami mill-ġdid, jiġġustifikaw li din tadotta approċċ diversifikat fir-rigward tal-ispejjeż operattivi, barra minn hekk, issir distinzjoni skont jekk dawn l-ispejjeż humiex dwar il-proċedura ta' eżami mill-ġdid (ara Titolu 1, hawn taħt) jew il-proċedura tal-appell (ara Titolu 2, hawn taħt).

1. Fuq l-ispejjeż marbuta mal-proċedura ta' eżami mill-ġdid

90. Qabelxejn, fir-rigward tal-ispejjeż esposti mill-partijiet fil-kawża tal-proċedura ta' eżami mill-ġdid, fil-fehma tiegħi t-tqassim tagħhom ma jistax ikun kompletament maqtugħ mill-pożizzjonijiet difiżi minn dawn il-partijiet u, fuq kollox, tar-rilevanza u tas-suċċess tal-argumenti tagħhom ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja twettaq eżami mill-ġdid u abbażi eċċezzjonali u essenzjali fl-interess tal-liġi, ma jistax jiġi miċħud li l-proċedura ta' eżami mill-ġdid għandha impatti ċerti fuq id-drittijiet u l-obbligi ta' dawn il-partijiet, li għalihom hija tirrappreżenta fir-realtà sempliċiment estensjoni tal-kawża tagħhom quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u quddiem il-Qorti Ġenerali (ara l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 62b, tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja).

91. Jekk f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ssegwi għalhekk il-proposti tiegħi rigward it-teħid inkunsiderazzjoni tar-rekwiżiti minimi tad-Direttiva 2003/88, kif interpretata bil-ġurisprudenza Schultz-H [72]

92. Fir-rigward tal-Kunsill, li pparteċipa fil-proċedura ta' eżami mill-ġdid mhux bħala parti fil-kawża, iżda bħala istituzzjoni li hemm riferiment għaliha fl-Artikoli 23 u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 62a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

2. Fuq l-ispejjeż marbuta mal-proċedura tal-appell

93. Sussegwentement, fir-rigward tal-ispejjeż relatati mal-proċedura tal-appell, għandhom jiġu applikati, b'analoġija, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 138(1) flimkien mal-Artikolu 184(1) tar-Regoli ta' Proċedura. Minn dan isegwi li, peress li l-Kummissjoni tilfet l-appell, hija għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll l-ispejjeż ta' G. Strack marbuta mal-appell, skont kif ġie mitlub minn dan tal-aħħar.

## V – Konklużjoni

94. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-8 ta' Novembru 2012 Il-Kummissjoni vs Strack (T-268/11 P), tikser l-unità u l-koerenza tad-dritt tal-Unjoni.

2) L-imsemmija sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea hija annullata.

71 — Sentenzi ta' eżami mill-ġdid M vs EMEA (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punt 73), kif ukoll eżami mill-ġdid Arango Jaramillo *et* vs BEI (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punt 61).

72 — B'mod iktar preċiż, hemm inkwistjoni l-likwidazzjoni fi flus ta' 26.5 ġurnata ta' leave minn 38.5 mhux meħuda fl-2004 (it-tnax-il ġurnata rimanenti kienu diġà ġew awtomatikament ittrasferiti għall-2005). Din il-likwidazzjoni għandha tiġi kkalkolata skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal.

3) L-appell tal-Kummissjoni Ewropea kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea tal-15 ta' Marzu 2011, Strack vs Il-Kummissjoni (F-120/07), huwa miċħud.

4) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu relatati mal-proċedura ta' eżami mill-ġdid. Fir-rigward tal-kumplament, il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha relatati mal-proċedura tal-appell kif ukoll dawk relatati mal-proċedura ta' eżami mill-ġdid.